# Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

## K 357/2024: IR-REPUBBLIKA TA' MALTA V. JUSTIN MALLIA (KI. 144698M)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**26 ta' April 2024**

IL-QORTI,

rat l-imputazzjonijiet segwenti li nħarġu kontra Justin Mallia ta' 26 sena, iben Kevin u Paola nee Azzopardi, imwieled il-Pietà, nhar it-18 t'April 1998 u residenti ENT 95, Fl 6, Triq San Ġwann, Bormla, detentur tal-karta tal-identità bin-numru 0144698(M), li ġie mressaq taħt arrest illum u akkużat illi:

**'fl-erbatax (14) ta' Marzu 2024 għall-ħabta tal-għaxra u nofs (10:30) ta' filgħodu u/jew fil-ġranet ta' qabel, ġewwa Valletta Food Market, Triq San Pawl, Valletta u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer Maltin:**

1. **ikkommetta serq ta' flus u/jew oġġetti oħra, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur, liema valur tal-ħaġa misruqa huwa aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda ma huwiex aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) għad-detriment ta' Gilbert Scicluna u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra.**

2. **kiser ordni ta' probation meta wettaq reat fi żmien il-perjodu operattiv ta' sentenza ta' probation hekk kif ikkontemplat f'Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta**

rat li ġiet mitluba sabiex, fil-każ ta` ħtija titratta mal-imputat Justin Mallia bħala reċediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta wara li kien misjub ħati mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula,

rat li ġiet mitluba sabiex, fil-każ ta` ħtija, barra milli tapplika il-piena skond il-Liġi, meta tagħti s-sentenza tordna lil-ħati sabiex jirrestitwixxi lil parti offiża kull ħaġa minnu misruqa bi ħsara ta' dik il-parti bi jew permezz tar-reat jew li jħallas lil dik il-parti ammont ta' flus kif jista' jiġi stabbilit mill-Qorti bħala kumpens għal dak it-telf kif imsemmi jew għal xi danni jew offiża jew ħsara oħra u dan ai termini tal-Artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

rat li ġiet mitluba ukoll sabiex, fil-każ ta` ħtija, barra milli tinfliġġi l-piena skont il-liġi, meta tagħti s-sentenza jew f'kull ordni ieħor wara, tikkundanna l-ħati għall-ħlas, lir-reġistratur, tal-ispejjeż kollha jew ta` parti mill-ispejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri, f'dak iż-żmien u f'dak l-ammont bħalma jkun ġie stabbilit fis-sentenza jew fl-ordni, u dan skond kif kontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta` Malta.

rat li waqt is-seduta tal-lum 10 ta' Jannar 2024 meta sar l-eżami tal-imputat bla theddid, bla twegħid u bla ġurament ai termini tal-Art. 370(4), 390(1) u l-Art. 392 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, għall-mistoqsija tal-Qorti dwar jekk għandux oġġezzjoni illi l-każ tiegħu jiġi ttrattat bi proċedura sommarja u wara li l-Qorti tagħtu żmien xieraq sabiex iwieġeb għal din il-mistoqsija, l-imputat wieġeb li m'għandu l-ebda oġġezzjoni f'dan ir-rigward,

rat illi l-Avukat Ġenerali tat il-kunsens tagħha sabiex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja,

rat illi fl-istess seduta, għall-mistoqsija tal-Qorti dwar jekk jixtieqx iwieġeb dwar il-ħtija o meno tiegħu, l-imputat wieġeb li huwa ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih,

rat illi l-Qorti ppostponiet il-kawża għal ftit minuti sabiex l-imputat jikkonsulta l-avukat tiegħu u jerġa jaħsibha,

rat li meta reġgħet issejħet il-kawża l-imputat reġa wieġeb li huwa inkondizzjonatament ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu,

semgħet it-trattazzjoni dwar il-piena,

qed tagħti din is-

## Sentenza

**Fid-dawl ta' tali stqarrija ta' ħtija inkondizzjonata imtennija l-Qorti wara li rat l-artikoli rilevanti tal-liġi ossia l-Artikoli: 31(1)(b), 49, 50, 261(ċ), 267, 270, 279(a), 289 tal-Kap. 9 u l-Art. 23 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti issib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih u qegħda ukoll tapplika żieda fil-piena bi grad stante illi huwa reċidiv. Fir-rigward tat-tieni imputazzjoni l-Qorti**

**tagħżel li ma titrattax mal-ħati. Bħala piena l-Qorti qed tikkundannah għal piena karċerarja ta' tnax-il xahar.**

**Inoltre l-Qorti qegħda toħroġ Ordni ta' Kumpens ai termini tal-Art. 15A tal-Kap. 9 billi tordna lill-ħati jħallas lill-*parti offiża* Gilbert Scicluna l-ammont ta' disa' mija u sittin euro (€ 960) bħala kumpens għat-telf li sofra, liema somma għandha titħallas entro sitt (6) xhur minn meta jingħata r-rilaxx effettiv mill-ħabs.**

**Il-Qorti tordna illi l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol.**

V.G. Axiak — Y. M. Pace

Maġistrat — Dep. Reġistratur